**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 9 – 13 ta' Settembru 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 9. Il-laqgħa bdiet fis-7.55 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda membru tal-publiku preżenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillieri Duncan Bartolo u Catherine Sammut kienu skużati minħabba li kienu msiefrin.

## 1. VJAL IL-ĦELSIEN

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera preżenti li talab li ssir din il-laqgħa b' urġenza sabiex jaġġorna lill-Kunsill u lill-pubbliku Żebbuġi li qiegħed isegwi l-laqgħa dwar il-fażi li jmiss tax-xogżol fi Vjal il-Ħelsien.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li kuntrarjament għax-xniehat bla bażi li qegħdin jixxerdu, ix-xogħol ta' Vjal il-Ħelsien ma jinsabx wieqaf minħabba xi problema finanzjarja mmaġinarja. Is-Sindku qal li fil-fatt fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie approvat pagament ta' €100,000 lill-kuntrattur.

Ix-xogħol jinsab wieqaf għal żewġ raġunijiet; i) minħabba s-shutdown u huwa fatt magħruf li t-Taljani jieħdu s-shutdown sal-aħħar ta' Awwissu, ii) u minħabba l-fatt li wara laqgħa li saret mal-Perit tal-kuntrattur il-Kunsill talab laqgħa ma' Transport Malta minħabba li qabel tingħalaq it-triq kien hemm bżonn l-approvazzjoni ta' Transport Malta minħabba li jrid jiġi devjat it-traffiku u l-Arriva. Is-Sindku qara l-korrispondenza li kien hemm ma' Transport Malta.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara l-korrispondenza li kien hemm ma' Transport Malta ġiet msejħa laqgħa nhar l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012 u għaliha attendew hu, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Project Manager, il-Perit tal-Kunsill, il-Perit tal-Kuntrattur u s-sinjuri Domenic Vella, Ivan Vella, Andrew Haig u Kevin Zahra minn Transport Malta.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien kiteb ittra wkoll lill-Ministru Dr. Austin Gatt fejn talab l-intervent tiegħu sabiex jgħin lill-Kunsill f' din is-sitwazzjoni. Is-Sindku spjega li rċieva risposta mingħand is-sur Manwel Delia li qal li kien se jkellem lil Transport Malta fuq din l-issue imma ma setax jiggarantixxi li s-shuttle service li kien qiegħed jipproponi l-Kunsill kien se jsir mingħajr ħlas minn naħa tal-Kunsill.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-laqgħa ma' Transport Malta ġew diskussi żewġ affarijiet, l-għeluq tat-triq u kif se topera l-Arriva in konsegwenza ta' dan l-għeluq. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-uffiċjali ta' Transport Malta nfurmaw lill-Kunsill li ġew evalwati diversi soluzzjoniijiet iżda ma waslu mkien. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li l-proposta li ressaq il-Kunsill tas-shuttle service fil-laqgħa ġew infurmati li l-Arriva m' għandhomx biżżejjed vetturi zgħar biex jipprovdu dak is-servizz.

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill l-alternattivi li tressqu quddiem Transport Malta (Dokument A). Is-Sindku kompla jgħid li Transport Malt li l-uniku konċessjoni li setgħu jagħtu hija li r-rotta 109 tiġi modifikata sabiex iżda din tgħaddi biss kull siegħa. Is-Sindku qal ukoll li ġie spjegat li normalment mhux permissibli li xi ħadd joffri servizz ta' shuttle service privat imma għal din l-okkażjoni dan kien qiegħed jiġi permess li jsir a spejjeż tal-Kunsill.

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li matul il-laqgħa huwa wera li l-Kunsill xejn ma kien kuntent bin-nuqqas ta' flessibilta tal-Arriva u dan iddikjarah fil-laqgħa.

1.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill affaċjat b' żewġ għażliet li jew jikkuntenta bl-aġġustament żgħir li għamlet l-Arriva jew inkella li jsir shuttle service mill-Kunsill, bejn is-6 u t-9.00 ta' filgħodu u b' żewġ vetturi, u s-Sindku propona żewġ rotot possibli (Dokument B).

1.9. Il-Kunsillier Cain Grech ikkummenta li fl-opinjoni tiegħu l-ħin għandu jiġi estiż imqar sal-10 ta' filgħodu ħalli kulħadd jinqeda bl-aħjar mod speċjalment dawk li jkollhom xi appuntament filgħodu l-isptar.

1.10. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ġibed l-attenzjoni fuq il-bżonn li jkun hemm is-servizz ta' shuttle service anke xi ħinijiet filgħaxija.

1.11. Il-Kunsillier Cain Grech qal li wieħed irid joqgħod attent issa li se jibdew l-iskejjel ukoll.

1.12. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-kuntrattur lest li jibda t-Tlieta.

1.13. Is-Sindku Alfred Grixti fformula mozzjoni li tgħid li dan il-Kunsill jirrisolvi illi in vista tal-fatt li l-kumpanija Arriva qegħdha tgħid li mhix f' pożizzjoni li tipprovdi shuttle service għan-nies li jużaw is-servizz tagħha minn Ħaż-Żebbuġ dan il-Kunsill jirrisolvi li jipprovdi hu a spejjeż tiegħu dan is-servizz temporanju ta' shuttle service. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (37).

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex dan is-shuttle service ikun provdut permezz ta' żewġ minibuses bejn is-6am u d-9am u bejn l-4.30pm u s-6.30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u nhar ta' Sibt ikun hemm minibus waħda bejn is-6am u d-9am, u wara l-ewwel ġimgħa ta' operazzjoni l-Kunsill jevalwa s-servizz u jaġġusta skond il-ħtieġa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (38).

1.15. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill għandu b' mod urġenti għandu jiġbor allinqas tlett kwotazzjonijiet. Is-Segretarju spjega li l-għada tal-laqgħa se jsir kuntatt ma' kumpaniji tat-trasport biex jipprovdu l-kwotazzjoni tagħhom. Huwa talab ukoll lill-Kunsilliera li jekk jafu xi ħadd li jista jkun interessat jikkuntatjaw lill-Kunsill. Is-Segretarju qal li dan qiegħed isir biex fiċ-ċirkostanzi kollox isir bl-aktar mod trasparenti u qal li l-kwotazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar u jekk il-Kunsill jagħtih l-awtorita' jipproċedi bl-irħaas kwotazzjoni. Is-Segretarju spjega wkoll fuq il-bżonn li jitpoġġew avviżi fuq in-notice boards tal-Kunsill, fuq facebook, fil-ħwienet, mal-Arċipriet u anke fuq il-ġurnali, filwaqt li r-residenti jiġu nfurmati wkoll permezz ta' ittri.

1.16. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġbor mill-inqas tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' shuttle service u awtomatikament jagħżel l-aktar waħda vantaġġjuża ekonomikament. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (39).

1.17. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera x' kienu l-fażijiet li jmiss tal-proġett.

1.18. Is-Sindku Alfred Grixti ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kemm ilu għaddej il-proġett fl-ebda mument ma ġiet magħluqa t-triq jiġifieri l-ħwienet ma ġewx affetwati.

1.19. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li kemm jista jkun il-Kunsill iżomm id-dati li jagħti lir-residenti għax inkella l-Kunsill jitlef il-kredibità tiegħu.

1.20. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li huwa talab lis-skultur Żebbuġi Jemsond Bonello sabiex jagħmel xi ħaġa simbolika biex issir Vjal il-Ħelsien u fuq jitniżżlu l-ismijiet tal-Kunsill kollha, kemm dawk li bdew il-proġett, kif ukoll dawk li spiċċawh. Kien hemm qbil li l-ewwel dan il-monument jarawh il-Kunsilliera qabel ma' l-Kunsill ikompli fuq din il-linja.

1.21. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li skond ir-rapport li ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet dwar il-kundizzjoni tat-toroq mhux urbani tressqet talba uffiċjali ta' għajnuna lill-Onor. Ministru George Pullicino.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |